Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha, 1 ta' April 2016.

Appell numru: 42/2014AE

**Joline sive Joelene Pace**

**Vs**

**Simon Pace**

L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €283.57, li huma nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward ta' binthom Gillian Pace. Dan skond kif obbligat li jaghmel b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja li nghata fit-13 ta' Awissu 2014.

Il-konvenut wiegeb billi l-ammont kien dovut pero' ghandu jigi pacut ma spejjez ta' edukazzjoni u medicina li ghamel meta bintu kienet qeghda tghix mieghu. F'dan ir-rigward ippropona rikonvenzjoni.

L-attrici wiegbet li:

1. Qatt ma kien hemm zmien meta l-konvenut kellu favur tieghu, digriet ta' manteniment.
2. Il-konvenut qatt ma talab lill-qorti taghti digriet dwar il-manteniment tal-minuri. Ghalhekk it-talba ma tistax tintlaqa', skond l-Artikolu 22 tal-Kodici Civili.
3. Jekk bir-rikonvenzjoni qieghed jipprovda jottjeni digriet dwar manteniment, dan zgur li m'huwiex il-forum adattat.
4. Kien hemm korrispondenza skambjati bejn id-difensuri fuq bazi ta' minghajr pregudizzju. Ghalhekk dawn m'ghandhomx jigu pprezentati.
5. Fil-meritu, il-konvenut qatt ma pprovda ricevuta ta' spejjez u ma ggustifikax l-allegat spejjez.

B'sentenza tas-26 ta' Mejju 2015, it-Tribunal iddecieda:

*"Illi dwar it-talba attrici ma hemmx x'jigi indagat ghaliex il-konvenut inniffsu qed jaqbel illi dan l-ammont hu dovut lill-attrici.*

*Li jrid jigi ezaminat huwa jekk l-ammont reklamat fil-kontro talba hux dovut u ghalhekk dan ipacix dak mitlub minn l-attrici.*

*Ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni illi effettivament l-ispejjes reklamati fil-kontro talba attwalment intefqu. Dan it-Tribunal huwa konvint illi dawn intefqu fl-interess tal-minuri.*

*Jista jkun hemm xi spejjes li ma jikkwalifikawx purament bhala spejjes ta' sahha edukazzjoni jew ghal attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri.*

*Mhux kontestat li fi zmien li fih saru l-ispejjes mill-missier l-partijiet kienu gia separati de facto, u li fl-istess zmien il-minuri kienet qed tabita mal-missier.*

*L-attrici tirrezisti din il-kontro talba billi tghid illi ma kien hemm l-ebda digriet favur il-missier sabiex jirkupra nofs dawn l-ispejjes.*

*Izda dan it-Tribunal jemmen illi f'dawn ic-cirkostanzi l-obbligu ta' l-omm ma ghandux ghalfejn johrog minn xi digiret. Apparti li din hija obbligazzjoni morali u naturali ta' kull genitur, din tohrog ukoll mil-ligi innifisha meta fl-artikolu 7 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn jinghad illi 7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit flartikolu 3B. Min naha l-ohra l-artikolu 3B tal-istess kodici Civili jipprovdi:- 3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*Dan kollu ftit ihalli dubbju fuq l-obbligi li ghandha l-omm f'cirkostanzi bhal dawn. In necessitajiet ta' l-ulied ma ghandhomx jistennew digrieti; u kien korrett il-missier li provda dak kollu li kienet tehtieg bintu minkejja li ma kienx hemm digriet. Izda jidher li l-omm ghax ghandha digriet qed tippretendi li hi tithallas nofs dak li nefqet ghal bintha filwaqt li il-missier jbaghti dak li nefaq kollox wahdu. Eccezzjonijeit bhal dawn igibu l-istmerrija ta' din it-Tribunal.*

*Dan it-Tribunal wara li ezamina l-ircevuti prezentati mill-missier u peress illi kif diga ntqal aktar il-fuq, hemm ricevuti li ma humiex spjegati jew li ma jirreferux purament ghal spejjes ta' sahha, edukazzjoni jew attivitajiet extra kurrikulari, qieghed arbitrio boni viri jirriduci l-istess ammont dovut, ghal dak pretiz minn l-attrici. B'mod illi z-zewgt krediti jinnewtralizzaw lil xulxin.*

*Ghal dawn il-motivi dan it-Tribuunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet attrici stante illi l-ammont dovut lilha ghandhu jigi pacut ma ammont ekwivalneti li qed jigi likwidat fil-kontro talba li qed tintlaqa limitatament f'dan is-sens b'mod illi l-ebda parti ma ghandha tiehu minn ghand l-ohra. L-ispejjes tal-kawza originali jithallsu kollha minn l-attrici filwaqt illi dawk tal-kontro talba jithallsu kwantu ghal 3/4 minn l-attrici u 1/4 mill-konvenut".*

## <u>**Fatti**</u>.

1. Il-kontendenti huma mizzewwgin u ghandhom tifla. Bhalissa hemm kawza ta' separazzjoni. Mill-atti jirrizulta li fis-sena 2014 kien hemm diga' l-proceduri pendenti.

2. Fit-18 ta' Marzu 2014 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri), Sezzjoni tal-Familja ntlehaq ftehim li l-kura u kustodja tat-tifla tibqa' taz-zewg genituri u t-tifla tghix jumejn mal-omm u l-jumejn ta' wara mal-missier.
3. Jirrizulta li ftit zmien wara kien inghata digriet li bih il-qorti ordnat li provizorjament it-tifla ghandha tghix mal-missier, u l-attrici jkollha access kull nhar ta' Tnejn u Erbgha (fol. 32). Skond il-konvenut id-digriet inghata fil-15 ta' Mejju 2015.
4. B'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Sezzjoni Familja fit-13 ta' Awissu 2014 gie ordnat: *"Il-Qorti tordna illi,.... ghandu provizorjament ihallas lil martu ghall-bintu minuri retta alimentari ta' Eur270 u dana apparti **l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha li l-partijiet qeghdin jaqblu li ghandu jithallas ugwalment bejniethom wara li kull naha tara l-ircevuti/invoices rispettivi**"*.
5. Il-hlas pretiz mill-konvenut jirreferi ghall-spejjez li l-konvenut qal li ghamel fix-xhur ta' Marzu, April u Mejju 2014.

**<u>Appell tal-attrici</u>**.

1. It-Tribunal injora li hemm kawza ta' separazzjoni, u kien hemm digriet car dwar kif ghandhom jigu regolati diversi materji *pendente lite.*
2. Bejn il-kontendenti hemm il-komunjoni tal-akkwisti. It-Tribunal interpreta b'mod skorrett l-Artikolu 7 tal-Kodici Civili. Fis-sentenza pprezuma li l-attrici ma kkontribwietx bil-mezzi taghha u donnu holoq zmien fejn fir-rigward tat-tifla, il-kontribut ekonomiku kellu jkun ezattament ta' 50:50.

**<u>Twegiba tal-konvenut</u>**.

1. Hu l-kompitu tal-qorti li tezamina jekk it-Tribunal iddeterminax il-kontroversja *"principalment skond l-ekwita"* (Artikolu 7(1) tal-Kap. 380). Id-decizjoni tat-Tribunal hi wahda skond il-kriterju prefiss mil-legislatur. Ma jirrizultax li t-Tribunal ma kontra d-dettami tal-imparzjalita' jew kiser il-principju tal-ekwita'. Ghalhekk l-ewwel aggravju ghandu jigi michud gialadarba l-appell ma jikkwalifikax bhala appell taht l-Artikolu 8(2)(d) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.
2. It-tieni aggravju jitratta l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal, li kien korrett meta ghamel riferenza ghall-Artikolu 7 tal-Kodici Civili. Qal sew li n-necessitajiet ta' wlied ma ghandhomx jistennew digrieti. Li kieku l-missier qaghad jistenna d-digriet kif donnu jidher li qeghda timplika l-appellanti, il-minuri ma kien ikollha lil hadd x'itiha tiekol u x'tixrob.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. M'hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont pretiz mill-attrici.

2. Wiehed mid-dmirijiet tal-genituri hu li jmantnu lill-uliedhom (Artikolu 7 tal-Kodici Civili). Madankollu ma jirrizultax li qatt kien hemm digriet fejn il-qorti ordnat lill-attrici biex thallas manteniment jew biex tikkontribwixxi ghall-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

3. Filwaqt li l-pretensjoni tal-attrici hi bazata fuq dak li jinghad fid-digriet tat-13 ta' Awissu 2014 u tirreferi ghal spejjez li saru wara dakinhar, fil-kaz tal-konvenut l-ispejjez jirreferu ghall-perjodu meta ma kienx hemm digriet tal-qorti dwar il-manteniment tat-tifla u li fih jidher li t-tifla kienet qeghda tghix miegh.

4. Il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma kellu l-ebda jedd jiddeciedi li l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez li l-konvenut ighid li ghamel fl-interess tat-tifla matul il-perjodu li kienet qeghda tghix mieghu. Dik hi materja li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) Sezzjoni tal-Familja u zgur mhux tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (ara Legislazzjoni Sussidjarja 12.19[1] u Legislazzjoni Sussidjarja 12.20[2]). Bil-mod li ddecieda t-Tribunal iddetermina li l-appellanti ghandha obbligu li thallas **nofs** l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri, meta hu maghruf li l-manteniment ghandu jigi determinat wkoll a bazi tal-mezzi tal-genituri (Artikolu 3B tal-Kodici Civili). Haga li f'kull kaz m'ghandux il-gurisdizzjoni biex jikkunsidra u jiddeciedi dwarha. It-Tribunal ghandu ragun li l-konvenut ghamel sew li pprovda dak li kellha bzonn bintu, pero' jekk ried rimedju kellu jirrikorri quddiem il-qorti tal-familja. 'Il fatt li hallas xi spejjez fl-interess ta' bintu ma jfissirx li l-attrici ghandha obbligu thallas nofshom. Dik hi materja li ghandha taraha l-qorti tal-familja li quddiemha jkun qieghed jinstema' l-kaz ta' separazzjoni. Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hlas li jippretendi l-konvenut jirreferi ghall-perjodu meta l-kaz kien diga' quddiem il-qorti tal-familja. Il-pretensjoni tal-konvenut tinkludi spejjez relatati mal-lezjonijiet taz-zfin tat-tifla ghall-perjodu April sa Gunju 2014. Pero' min-naha l-ohra l-attrici qalet li hallset ghat-term precedenti u fil-fatt ipprezentat kopja ta' cekkijiet (Dok. JP1 a fol. 54). Fatt li ghalkemm m'huwiex kontestat, jidher li t-Tribunal ma kkunsidrahx. Fi kwistjonijiet bhal dawn l-affarijiet ma jistghux jigu trattati b'mod izolat imma hemm bzonn li jigi kkunsidrat l-ispektrum shih, u dan jista' jsir **biss** quddiem il-qorti tal-familja. Fic-cirkostanzi d-decizjoni m'hijiex bazata fuq l-ekwita skond il-ligi (Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380), li wara kollox tfisser li t-Tribunal irid jiddeciedi skond il-ligi, gialadarba t-Tribunal iddecieda

[1] Ara regolament 4.
[2] Introdotti bl-Avviz Legali 396 u 297 tal-2003.

fuq materja li *ope legis* hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri), Sezzjoni tal-Familja.

5. Hu minnu li fid-digriet tal-13 ta' Awissu 2014 gie ddikjarat li l-partijiet qablu li spejjez ta' edukazzjoni u sahha ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, pero' ma jirrizultax li dak il-ftehim kien qieghed jirreferi ghall-perjodu qabel id-data tad-digriet. Ghalhekk peress li l-hlas pretiz mill-konvenut jirreferi ghall-perjodu qabel id-digriet, ma jistax ighin il-pretensjoni tal-konvenut.

6. Min-naha l-ohra, l-appellanti xehedet:-

   *"Jiena m'ghandhiex oggezzjoni li nhallas nofs il-ballet shoes, nofs il-ballet tights u nofs ta' xi uniformi"* (fol. 43).

   In vista' din id-dikjarazzjoni mill-ammont dovut lilha, ghandha titnaqqas is-somma ta' €47.50[3].

**Ghal dawn il-motivi thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-26 ta' Mejju 2015 u:-**

1. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin ewro u seba' centezmi (€236.07), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba;**
2. **Salv ghal dak li nghad hawn fuq, tichad t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut**.

**Spejjez tas-zewg istanzi a karigu tal-konvenut**.

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[3] Skond id-dokumenti li pprezenta l-konvenut, spejjez relatati maz-zarbun u tights tal-ballet huma ta' €35.60 filwaqt li spejjez tal-uniformi huma €59.40. Sehem l-appellanti a bazi tad-dikjarazzjoni li ghamlet hu **€47.50** (ara Dok. SP3).